

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1290**tal-24 ta' Settembru 2018****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) Fis-17 ta' Settembru 2018 il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1970 (2011) tal-KSNU emenda l-elekar ta' ħames persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2018.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

⁽¹⁾ ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNEX

1) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 21 hija sostitwita b'dan li ġej:

“21. Isem: 1: ERMIAS 2: ALEM 3: mhux disponibbli 4: mhux disponibbli

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Mexxej ta' netwerk transnazzjonali tat-traffikar **Data tat-Twelid:** Madwar l-1980 **Post tat-Twelid:** Eritrea **Pseudonimu affidabbli:** Ermias Ghermay, Guro **Pseudonimu inqas affidabbli:** a) Ermias Ghermay b) Ermias Ghirmay **Nazzjonalità:** Eritrea **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** (Indirizz magħruf: Tripoli, Tarig sure nru. 51, probabbilment telaq lejn Sabratha fl-2015.) **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Riżoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-riżoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-riżoluzzjoni 2213 (2015).

Informazzjoni addizzjonali

Teżisti dokumentazzjoni estensiva minn diversi sorsi affidabbli dwar Ermias Alem, inkluż investigazzjonijiet kriminali, li jidentifikawh bħala wieħed mill-aktar atturi importanti tal-Afrika sub-Saħarjana involut fit-traffikar ta' migranti fil-Libja. Ermias Alem huwa mexxej ta' netwerk transnazzjonali responsabbli mit-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali ta' għexieren ta' eluf ta' migranti, l-aktar mill-Qarn tal-Afrika għall-kosta tal-Libja u lil hinn lejn il-pajjiżi ta' destinazzjoni fl-Ewropa u l-Istati Uniti. Huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rġiel armati, kif ukoll imħażen u kampijiet ta' detenzjoni fejn hu rappurtat li qed jitwettqu abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tal-migranti. Huwa jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' netwerks Libjani ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali bħal dak ta' Mustafa, u huwa meqjus bħala “il-katina tal-provvista tal-Lvant” tagħhom. In-netwerk tiegħu jibda mis-Sudan u jasal sal-kosta tal-Libja u l-Ewropa (l-Italja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit) u l-Istati Uniti. Alem jikkontrolla kampijiet ta' detenzjoni privati fl-inħawi tal-kosta tal-majjistral tal-Libja fejn jinżammu l-migranti taħt detenzjoni, u fejn seħħew abbużi gravi fuq il-migranti. Minn dawn il-kampijiet, il-migranti jiġu ttrasportati lejn Sabratha jew Zawiya. F'dawn l-aħħar snin, Alem organizza bosta vjaġġi perikolużi fuq il-baħar, fejn espona lill-migranti (inkluż għadd kbir ta' minorenni) għar-riskju tal-mewt. Il-Qorti ta' Palermo (l-Italja) ħarġet mandati ta' arrest fl-2015 kontra Ermias Alem b'rabta mal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali ta' eluf ta' migranti f'ċirkostanzi inumana, fosthom l-inkaljar tal-bastimenti fit-13 ta' Ottubru 2013 qrib Lampedusa fejn mietu 266 persuna.”

2) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 22 hija sostitwita b'dan li ġej:

“22. Isem: 1: FITIWI 2: ABDELRAZAK 3: mhux disponibbli 4: mhux disponibbli

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Mexxej ta' netwerk transnazzjonali tat-traffikar **Data tat-Twelid:** Bejn wieħed u ieħor (30-35 sena) **Post tat-Twelid:** Massaua, Eritrea **Pseudonimu affidabbli:** Abdurezak, Abdelrazaq, Abdulrazak, Abdrazak **Pseudonimu inqas affidabbli:** Fitwi Esmail Abdelrazak **Nazzjonalità:** Eritrea **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Riżoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-riżoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-riżoluzzjoni 2213 (2015).

Informazzjoni addizzjonali

Fitiwi Abdelrazak huwa mexxej ta' netwerk transnazzjonali responsabbli mit-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali ta' għexieren ta' eluf ta' migranti, l-aktar mill-Qarn tal-Afrika lejn il-kosta tal-Libja u minn hemm lejn pajjiżi ta' destinazzjoni fl-Ewropa u l-Istati Uniti. Fitiwi Abdelrazak ġie identifikat minn sorsi miftuħa u f'diversi investigazzjonijiet kriminali bħala wieħed mill-ogħla atturi responsabbli għall-esplotazzjoni u l-abbuż ta' għadd kbir ta' migranti fil-Libja. Abdelrazak għandu kuntatti estensivi fi ħdan in-netwerks ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali fil-Libja u kiseb ġid enormi permezz tat-traffikar illeċitu tal-migranti. Huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rġiel armati, kif ukoll imħażen u kampijiet ta' detenzjoni fejn qed jitwettqu abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. In-netwerk tiegħu huwa magħmul minn ċelloli li jilħqu mis-Sudan sal-Libja, l-Italja u lejn pajjiżi ta' destinazzjoni għall-migranti. Il-migranti fil-kampijiet tiegħu jinxtraw ukoll minn partijiet oħrajn, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni oħra lokali. Minn dawn il-kampijiet, il-migranti jiġu ttrasportati lejn il-kosta Libjana. Abdelrazak organizza għadd kbir ta' vjaġġi marittimi perikolużi, li jesponu lill-migranti (inkluż minorenni) għar-riskju tal-mewt. Abdelrazak huwa marbut ma' tal-anqas żewġ nawfraqji b'konsegwenzi fatali bejn April 2014 u Lulju 2014.”

3) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 23 hija sostitwita b'dan li ġej:

“23. Isem: 1: AHMAD 2: OUMAR 3: IMHAMAD 4: AL-FITOURI

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Kmandant tal-milizzja Anas al-Dabbashi, Mexxej ta' netwerk transnazzjonali tat-traffikar **Data tat-Twelid:** 7 ta' Mejju 1988 **Post tat-Twelid:** (possibbilment Sabratha, il-viċinat ta' Talil) **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** a) Al-Dabachi b) Al Ammu c) The Uncle d) Al-Ahwal **Nazzjonalità:** Libja **Numru tal-passaport:** mhux disponibbli **Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** a) Garabulli, Libja b) Zawiya, Libja **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-risoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Risoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-risoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-risoluzzjoni 2213 (2015). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/>

Informazzjoni addizzjonali

Ahmad Imhamad huwa l-kmandant tal-milizzja Anas al-Dabbashi, li qabel kienet topera fiż-żona kostali bejn Sabratha u Melita. Imhamad huwa mexxej sinifikanti fattivitajiet illegali relatati mat-traffikar ta' migranti. Il-klann u l-milizzja al-Dabbashi jżommu wkoll relazzjonijiet ma' gruppi terroristiċi u gruppi estremisti vjolenti. Imhamad bħalissa huwa attiv fl-inħawi ta' Zawiya, wara li kien hemm għied vjolenti ma' milizzji u organizzazzjonijiet tat-traffikar rivali oħrajn fl-inħawi taż-żona kostali f'Ottubru 2017, li rriżultaw f'aktar minn 30 mejjiet, inkluż persuni ċivili. Bi tweġiba għat-tkeċċija tiegħu, Ahmad Imhamad fl-4 ta' Diċembru 2017 wiegħed pubblikament li ser jirritorna Sabratha bl-armi u bil-forza. Hemm evidenza estensiva li l-milizzja ta' Imhamad kienet direttament involuta fit-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u li l-milizzja tiegħu tikkontrolla żoni ta' tluq għall-migranti, kampijiet, djar siguri u dgħajjes. Hemm informazzjoni li tappoġġa l-konklużjoni li Imhamad espona l-migranti (inkluż minorenni) għal kundizzjonijiet brutali u xi kultant ċirkostanzi fatali fuq l-art u fuq il-baħar. Wara għied vjolenti bejn il-milizzja ta' Imhamad u milizzji oħrajn f'Sabratha, eluf ta' migranti instabu (bosta f'kundizzjoni gravi), il-biċċa l-kbira tagħhom miżmuma f'ċentri tal-Brigata Martyrs Anas al-Dabbashi u tal-milizzja al-Għul. Il-klann al-Dabbashi u l-milizzja konnessa Anas al-Dabbashi għandhom rabtiet li jmorru ħafna mal-Istat Iżlamiku ta' Levante (ISIL) u l-affiljati tiegħu.

Diversi operatori tal-ISIL huma skjerati magħhom, inkluż Abdallah al-Dabbashi, il-“kaliff” ta' ISIL f'Sabratha. Imhamad kien allegatament involut fl-organizzazzjoni tal-qtil ta' Sami Khalifa al-Gharabli, li kien maħtur mill-Kunsill municijali ta' Sabratha fil-ġlieda kontra l-operazzjonijiet ta' traffikar ta' migranti f'Lulju 2017. L-attivitajiet ta' Imhamad jikkontribwixxu b'mod importanti għall-vjolenza u n-nuqqas ta' sigurtà fil-Punent tal-Libja u huma ta' theddida għall-paċi u l-istabbiltà fil-Libja u l-pajjiżi ġirien.”

4) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 24 hija sostitwita b'dan li ġej:

“24. Isem: 1: MUS'AB 2: MUSTAFA 3: ABU AL QUASSIM 4: OMAR

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Mexxej ta' netwerk transnazzjonali tat-traffikar **Data tat-Twelid:** 19 ta' Jannar 1983 **Post tat-twelid:** Sabratha, Libja **Pseudonimu affidabbli:** Mus'ab Abu Qarin **Pseudonimu inqas affidabbli:** a) ABU-AL QASSIM OMAR Musab Boukrin b) The Doctor c) Al-Grein **Nazzjonalità:** Libja **Numru tal-passaport:** a) 782633, maħruġ fil-31 ta' Mejju 2005 b) 540794, maħruġ fit-12 ta' Jannar 2008 **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-risoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Risoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-risoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-risoluzzjoni 2213 (2015). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/>

Informazzjoni addizzjonali

Mus'ab Mustafa huwa meqjus bħala attur ċentrali fit-traffikar tal-bnedmin u fl-attivitajiet ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali fiż-żona ta' Sabratha, iżda jopera wkoll minn Zawiya u Garibulli. In-netwerk transnazzjonali tiegħu jkopri il-Libja, destinazzjonijiet Ewropej, pajjiżi sub-Saħarjani għar-reklutaġġ ta' migranti u pajjiżi Għarab għas-settur finanzjarju. Sorsi affidabbli ddokumentaw il-kollużjoni li kellu fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali ma' Ermias Alem, li jieħu ħsieb “il-katina tal-provvista tal-Lvant” fisem Mustafa. Hemm evidenza li Mustafa żamm relazzjonijiet ma' atturi oħra fin-negozju tat-traffikar, b'mod partikolari Mohammed al-HadiadaHh (kuġinuh u kap tal-brigata al-Nasr ukoll propost għall-inklużjoni fil-lista) f'Zawiya. Dak li qabel kien kompliċi ta' Mustafa, li issa qed jikkoopera mal-awtoritajiet Libjani, isostni li Mustafa organizza vjaġġi bil-baħar għal 45 000 ruħ fl-2015 biss, u b'hekk espona l-migranti (fosthom minorenni) għar-riskju tal-mewt. Mustafa huwa l-organizzatur ta' vjaġġ fit-18 ta' April 2015 fejn bastiment spiċċa f'nafragju fil-Kanal ta' Sqallija u ħalla 800 persuna mejta. Evidenza, inkluż minn Bord ta' Esperti tan-NU, tiddokumenta li

huwa responsabbli għad-detenzjoni ta' migranti f'kundizzjonijiet brutali, inkluż fi Tripli qrib iż-żona ta' Al-Wadi u lokalitajiet mal-baħar qrib Sabratha fejn jinżammu l-migranti. Ġie rappurtat li Mustafa kien qrib tal-klann ta' al-Dabbashi f'Sabratha, sakemm inqalgħet ġlieda fuq "taxxa tal-protezzjoni". Sorsi rappurtaw li Mustafa ħallas persuni qrib ta' estremisti vjolenti fiż-żona ta' Sabratha, bi skambju għall-approvazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni illegali f'isem gruppi ta' estremisti vjolenti, li jibbenefikaw finanzjarjament mill-isfruttament tal-immigrazzjoni illegali. Mustafa għandu konnessjonijiet ma' netwerk ta' faċilitaturi tal-immigrazzjoni illegali magħmul minn gruppi armati Salafi fi Tripli, Sebha u Kufra."

5) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 25 hija sostitwita b'dan li ġej:

"25. Isem: 1: MOHAMMED 2: AL-HADI 3: AL-ARABI 4: KASHLAF

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Kmandant tal-brigata Shuhada al-Nasr, Kap tal-Gwardja tar-Raffinerija tal-Petrol ta' Zawiya **Data tat-Twelid:** 15 ta' Novembru 1988 **Post tat-Twelid:** Zawiya, il-Libja **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** a) Kashlaf b) Koshlaf c) Keslaf d) al-Qasab **Nazzjonalità:** Libja **Numru tal-passaport:** HR8CHGP8; **Data tal-ħruġ:** 27 ta' April 2015; **Post tal-ħruġ:** Zawayah **Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** a) 119880210419 b) **Numru tal-Karta tal-Identifikazzjoni Personali:** 728498; **Data tal-ħruġ:** 24 ta' Frar 2007 **Indirizz:** Zawiya, il-Libja **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Riżoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-riżoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-riżoluzzjoni 2213 (2015).

Informazzjoni addizzjonali

Mohammed al-Hadi huwa l-kap tal-brigata Shuhada al Nasr f'Zawiya, fil-Punent tal-Libja. Il-milizzja tiegħu jikkontrolla r-raffinerija ta' Zawiya, ċentru ta' operazzjonijiet tal-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali. Al-Hadi jikkontrolla wkoll iċ-ċentri ta' detenzjoni, inkluż iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Nasr – nominalment taħt il-kontroll tad-DCIM. Kif iddokumentat f'diversi sorsi, in-netwerk ta' al-Hadi huwa wieħed mill-aktar dominanti fil-qasam tal-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-isfruttament tal-migranti fil-Libja. Al-Hadi għandu rabtiet estensivi mal-kap tal-unità lokali tal-gwardja tal-kosta ta' Zawiya, al-Rahman al-Milad, li l-unità tiegħu tinterċetta dgħajjes bil-migranti, li ta' spiss ikunu ta' netwerks rivali ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali. Il-migranti mbagħad jinġiebu f'faċilitajiet ta' detenzjoni taħt il-kontroll tal-milizzja Al Nasr, fejn allegatament jinżammu f'kundizzjonijiet kritiċi. Il-Bord ta' Esperti għal-Libja għabar evidenza ta' migranti li spiss kienu msawta, filwaqt li oħrajn, speċjalment nisa minn pajjiżi tas-Sub-Sahara u l-Marokk, inbiegħu fis-suq lokali bħala "skjavi sesswali". Il-Bord sab ukoll li al-Hadi kkollabora ma' gruppi armati oħrajn u kien involut fi ġlied ripetut u vjolenti fl-2016 u fl-2017."

6) Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 26 hija sostitwita b'dan li ġej:

"26. Isem: 1: ABD 2: AL-RAHMAN 3: AL-MILAD 4: mhux disponibbli

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Kmandant tal-Gwardja tal-Kosta f'Zawiya **Data tat-Twelid:** Bejn wieħed u ieħor (29 sena) **Post tat-Twelid:** Tripli, il-Libja **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** a) Rahman Salim Milad b) al-Bija **Nazzjonalità:** Il-Libja **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Zawiya, il-Libja **Elenkat fi:** 7 ta' Ġunju 2018 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi)

Elenkat skont il-paragrafu 22(a) tar-Riżoluzzjoni 1970 (2011); paragrafu 4(a) tar-riżoluzzjoni 2174 (2014); paragrafu 11(a) tar-riżoluzzjoni 2213 (2015).

Informazzjoni addizzjonali

Abd al Rahman al-Milad imexxi l-unità reġjonali tal-Gwardja tal-Kosta ta' Zawiya li tissemma' konsistentement b'rabta mal-vjolenza kontra migranti u faċilitaturi tal-migrazzjoni illegali oħrajn. Il-Bord ta' Esperti tan-NU jiddikjara li Milad, u membri oħrajn tal-gwardja tal-kosta, huma direttament involuti fl-għeriq ta' dgħajjes tal-migranti bl-użu ta' armi tan-nar. Al-Milad jikkollabora ma' faċilitaturi tal-migrazzjoni illegali bħal Mohammed al-Hadi (ukoll propost għall-inklużjoni fil-lista) li, skont ċerti sorsi, qed jipprovdu protezzjoni li tippermettilu jwettaq operazzjonijiet illeċiti relatati mat-traffikar tal-migranti u l-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali. Bosta xhieda f'investigazzjonijiet kriminali ddikjaraw li nġabru mill-baħar minn irġiel armati fuq bastiment tal-Gwardja tal-Kosta msejjaħ Tallil (użat minn al-Milad) u tiegħu fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' al-Nasr, fejn allegatament jinżammu f'kundizzjonijiet brutali u jiġu msawwta."